

Stqarrija ta' Privatezza

1. Is-Servizz elettroniku Speċifiku: Kunsulta miftuħa fuq "Iż-żieda fil-benesseri ta' l-annimali użati għall-esperimenti - Reviżjoni tad-Direttiva 86/609/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-annimali wżati għall-għanijiet sperimentali u għanijiet oħra xjentifiċi"

L-għan ta' dan is-Servizz elettroniku, immexxi mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea, hu li jistaqsi għall-opinjoni ta' ċittadini dwar il-benesseri ta' l-annimali u li jiġbor aktar rispons mill-esperti fil-qasam ta' l-esperimentazzjoni fuq l-annimali u xi alternattivi għal dan.

L-opinjoni ta' l-argumenti li tirċievi l-Kummissjoni se jitqiesu fil-preparazzjoni tagħha tal-proposta għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni attwali dwar il-protezzjoni ta' l-annimali wżati għall-għanijiet sperimentali u għanijiet oħra xjentifiċi.

2. X'taġrif personali niġbru, għal-liema raġuni u x'mezzi tekniċi nużaw?

a) Dejta ta' Identifikazzjoni

Tinġabar id-dejta personali li ġejja:

- Fil-kwestjonarju indirizzat lil kull ċittadin interessat, ma tinġabar l-ebda dejta personali.
- Fil-kwestjonarju għall-esperti, meta jimtela' l-kwestjonarju l-isem tal-persuna ta' kuntatt u l-organizzazzjoni li hu jew hi jirrapreżentaw jiġu mitluba. Jekk xi espert individwali jirrispondi fil-kapaċità personali tiegħu jew tagħha, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt xorta waħda jiġu mitluba. Din id-dejta isservi biex il-persuna tkun tista' terġa' tintlaħaq fil-każ li l-Kummissjoni tkun trid tistaqsiha jekk l-espert jistax iforni xi taġrif iżjed.

b) Informazzjoni teknika

Is-sistema tuża "*cookies*" tas-sessjoni sabiex tiżgura l-komunikazzjoni bejn il-klijent u s-server. Għalhekk, il-brawżer tiegħek irid ikun konfiguratur li jaċċetta l-"*cookies*". Madankollu, ma tiġbor informazzjoni personali jew kunfidenzjali ta' l-ebda tip, u lanqas l-indirizz IP mill-PC tiegħek. Il-*cookies* jisparixxu la darba is-sessjoni tintemm.

3. Min għandu aċċess għall-informazzjoni tiegħek u lil min tiġi żvelata?

Ir-riżultati tal-konsulta jkunu analizzati mill-Unità tal-Kimika tad-Direttorat Ġenerali ta' l-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea. Din l-Unità taħdem fuq il-ħarsien tas-saħħa u l-ambjent mir riskji tal-kimiċi, kif ukoll fuq il-ħarsien ta' l-annimali użati għal skopijiet sperimentali u xjentifiċi. Id-dejta ma' tiġix rivelata lil Direttorati Ġenerali oħrajn jew lill-unitajiet oħra tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea taħtar konsulent biex janalizza r-riżultati. Il-konsulent huwa obligat iżomm id-dejta kunfidenzjali u ma jurihomx lil xi partijiet oħra. Bl-istess mod, il-

Kummissjoni ma turix id-dejta lill-partijiet oħra, b' mod partikolari għal skopijiet ta' kummerċ dirett.

Xahrejn wara t-tmiem tal-konsulta, tiġi ppublikata ħarsa ġenerali tar-riżultati statistiċi u t-tweġibiet tad-domandi mifutha fuq dan il-websajt:

http://europa.eu.int/comm/environment/chemicals/lab_animals/revision_en.htm

L-ebda dejta personali ma tinġabar fil-kwestjonarju għaċ-ċittadini, b'hekk l-ebda dejta personali ta' dawg li jirrispondu dan il-kwestjonarju ma tiġi ppublikata.

Il-kwestjonarju ta' l-esperti jitlob l-isem u d-dettalji tal-persuna ta' kuntatt u din id-dejta tista' tkun ippublikata fuq il-websajt imsemmi hawn fuq jekk il-persuna irrispondiet għal xi domandi miftuħa, ħliet jekk il-persuna talbet li isimha u d-dettalji ta' kuntatt tagħha jkunu trattati b' mod kunfidenzjali billi mmarrat il-kaxxa appropjata fil-kwestjonarju.

4. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw l-informazzjoni tiegħek?

Immedjatement wara li tiġi sottomessa l-formola, ir-risposti jiġu rreġistrati f'*database* sikur u protett, miżmum miċ-Ċentru tad-Dejta tal-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-lingwa tar-risposta. Id-*database* m'huwiex aċċessibbli minn barra l-Kummissjoni ħliet għall-konsulent imqabbd mill-Kummissjoni biex janalizza r-riżultati. Il-Kummissjoni u l-konsulent għandhom aċċess għad-*database* billi jużaw l-ID ta' l-Utent u *Password*.

5. Kif tista' tivverifika, timmodifika jew tħassar l-informazzjoni tiegħek?

M'għandekx aċċess dirett għad-dejta tiegħek maħżuna fid-*database*. Jekk tixtieq timmodifika jew tħassar ir-risposta tiegħek, int mitlub tibgħat messaġġ lill-punt ta' kuntatt kif jidher aktar 'l isfel.

6. Kemm indumu nżommu d-dejta tiegħek?

Il-dejta personali tiegħek tibqa' fid-*database* sakemm ir-riżultati jkunu kompletament analizzati u ssir anonima mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tal-konsulta.

7. Informazzjoni ta' kuntatt

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew rikjesti li jikkonċernaw l-informazzjoni sottomessa minnek ma' dan il-kwestjonarju, int mitlub tikkuntattja l-Kontrollur ta' dan il-fajl:

Unità tal-Kimiċi
DG Ambjent
Kummissjoni Ewropea
B-1049 Brussell
Il-Belġju

posta elettronica: env-laboratory-animals@cec.eu.int